MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-8 ta' April, 2019

Rikors Maħluf Numru 6/2015 LM

**Anthony Saliba (K.I. Numru 13267G)**

***vs.***

**Glenn Camilleri (K.I. Numru 541993M) u b'digriet tal-10 ta' April, 2015 is-soċjetà Atlas Insurance PCC Limited (C5601) ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-6 ta' Jannar, 2015 mill-attur **Anthony Saliba** (K.I. 13267G), (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar it-tmienja (8) ta' Ġunju tal-elfejn u erbatax (2014) waqt li l-attur kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu b'numru ta' reġistrazzjoni LCR 067, fi Triq l-Imdina, Żebbuġ, Malta huwa kien involut f'inċident awtomobilistiku mal-vettura tal-konvenut tal-marka Volkswagen bin-numru ta' reġistrazzjoni FCC 953;*

2. *Illi dan l-inċident awtomobilistiku seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut, minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, b'mod partikolari minħabba nuqqas ta' proper lookout min-naħa tiegħu;*

3. *Illi kawża ta' dan l-inċident l-attur sofra danni fuq ħwejġu kif ukoll sofra ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu kif se jiġi spjegat aħjar tul is-smigħ ta' din il-kawża;*

4. *Illi allura kawża ta' dan l-inċident l-attur sofra diversi danni, konsistenti kemm f'danni inġenti, kif ukoll f'lukri ċessanti;*

5. *Illi l-attur irid jiġi kkompensat għal dawn id-danni u minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut naqas milli jersaq għal xi likwidazzjoni;*

6. *Illi dan ir-rikors qed isir u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-attur Anthony Saliba, li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

1. *Tiddikjara illi l-inċident fuq imsemmi li seħħ fit-tmienja (8) ta' Ġunju tal-elfejn u erbatax (2014) fi Triq l-Imdina, Żebbuġ, Malta, seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut;*

2. *Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-attur, u dan kemm fir-rigward ta' danni inġenti, kif ukoll lukru ċessanti;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas dawk id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u dawk tal-ittra uffiċjali spedita lill-kumpannija assikuratriċi tal-konvenut kontestwalment ma' dan ir-rikors. Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Glenn Camilleri** (K.I. Numru 541993M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Marzu, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi huwa minnu illi fit-8 ta' Ġunju, 2014 waqt li l-esponent kien qed isuq il-vettura tiegħu numru FCC 953 ġewwa Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat, huwa kien involut f'inċident tat-traffiku mal-attur;*

2. *Illi mhuwiex minnu li dan l-inċident ġara tort u ħtija tal-esponenti, Glenn Camilleri, kif qed isostni l-attur, iżda ġara unikament tort u ħtija tal-istess attur li qabad u daħal fil-karreġġjata li kien qed isuq l-esponenti b'mod l-aktar negliġenti u imprudenti, bir-riżultat li ġara l-inċident u dana kif sejjer jiġi spjegat aħjar tuli l-mori tal-kawża;*

3. *Illi huwa minnu li l-attur korra f'dan l-inċident, iżda l-esponenti mhuwiex responsabbli għad-danni li l-attur seta' sofra konsegwenza ta' dan l-inċident, billi kif intqal, l-inċident ġara unikament tort u ħtija tal-istess attur;*

4. *Illi in vista tas-suespost it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti għandhom kollha jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

5. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi, partikolarment dawk relatati mat-talba ta' likwidazzjoni tad-danni billi l-ammont pretiż mhux indikat.*

Permezz ta' rikors datat 9 ta' April, 2015, is-soċjetà **Atlas Insurance PCC Limited** (C5601) talbet li titħalla tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' April, 2015.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà sabiex jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-8 ta' Ġunju, 2014, li kienu involuti fih il-partijiet f'din il-kawża, u b'talba għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, u s-segwenti kundanna tal-konvenut għall-ħlas tad-danni.

Il-konvenut min-naħa tiegħu ċaħad li hu b'xi mod kien responsabbli għall-inċident inkwistjoni, u eċċepixxa li l-inċident seħħ unikament tort u ħtija tal-attur, meta dan invada l-karreġġjata li kien għaddej minnha l-konvenut bir-riżultat li seħħ l-inċident inkwistjoni.

## Provi u riżultanzi

L-attur esebixxa kopja tar-rapport tal-Pulizija bid-dettalji dwar l-inċident li seħħ fit-8 ta' Ġunju, 2014[1], kopja tar-rapport tas-soċjetà tal-assigurazzjoni li kienet assigurata magħha l-vettura misjuqa mill-attur tal-marka Kia Avella bin-numru ta' reġistrazzjoni LCR 067, fejn jintqal li din il-vettura kienet *total loss* u ngħata l-parir tiġi skrappjata[2], kif ukoll kopja tal-*employment history* tal-attur b'*records* dwar il-ġranet ta' *leave* u *sick leave* li ttieħdu minnu in segwitu għal l-inċident mertu tal-kawża.[3]

---

[1] *A fol.* 15 tal-proċess.
[2] *A fol.* 27 tal-proċess.
[3] *A fol.* 31 tal-proċess.

L-attur fl-*affidavit* tiegħu[4] qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni hu kien qiegħed fi triqtu lejn Għawdex fejn jgħix, wara li attenda għat-tiġrijiet taż-żwiemel li jsiru fil-Marsa. Qal li waqt li kien għaddej minn Triq l-Imdina, f'Ħaż-Żebbuġ, preċiżament fejn hemm l-*ispeed cameras,* ingħata daqqa ta' karozza minn wara, liema daqqa tefgħetu direttament f'ħajt fuq in-naħa tax-xellug tat-triq. Qal li dak il-ħin intilef minn sensih, u xħin qam, sab ruħu bilqiegħda mal-art iserraħ ma' vettura. Dak il-ħin hu seta' jinnota li l-vettura tiegħu kienet maqluba rasha 'l isfel, u fil-mumenti ta' wara jaf li ttieħed l-Isptar permezz ta' ambulanza. L-attur qal li meta ddaħħal l-Isptar, hu tlibbes kullar kbir tal-ħadid ma' għonqu minħabba ħsara li hu sofra fix-xewka ta' dahru, u ġie stabbilit li kellu ksur fi spalltu tal-lemin u diversi ġrieħi f'rasu, f'għonqu u f'dirgħajh. Qal ukoll li fl-ewwel tlitt ijiem li qatta' l-Isptar, hu ma setax jiċċaqlaq. Żied jgħid li meta ġie rilaxxjat mill-Isptar huwa kellu juża siġġu tar-roti, u kellu juża l-għajnuna ta' tagħmir ieħor biex ma jċaqlaqx idejh fost l-oħrajn. L-attur spjega li hu dam madwar ħames xhur ma jistax imur xogħol, u dam żmien mhux ħażin sakemm beda jirkupra. Qal li għadu sal-lum isofri minn uġigħ u minn limitazzjonijiet fil-movimenti tiegħu, u saħansitra kellu jibdel ix-xogħol minħabba f'dawn ir-restrizzjonijiet, xi ħaġa li qal li affettwatlu d-dinjità tiegħu. Qal ukoll li lanqas m'għadu jista' jipparteċipa fl-isport tat-tlielaq biż-żwiemel jew imur jaħdem l-għalqa, minħabba li kull moviment jikkawżalu wġigħ. Spjega li anki waqt is-sewqan irid joqgħod attent ferm aktar minn qatt qabel, filwaqt li spjega li anki kellu jneħħi mutur li kellu, minħabba li ma jistax iżomm il-bilanċ kif jixtieq. L-attur żied jgħid li anki xogħol u għajnuna li kien jagħti fid-dar m'għadux jista' jagħtihom, tant li issa jiddependi ħafna fuq ix-xogħol li jagħmlu martu u ibnu, u matul il-lejl ikun hemm drabi fejn ikollu jqum jieħu

[4] *A fol.* 41 tal-proċess.

trattament għall-uġigħ. L-attur ikkonkluda li ħajtu nbidlet kompletament wara dan l-inċident, u l-vettura li kien qiegħed isuq hu ma setgħetx titranġa minħabba li l-ewwel qalgħet daqqa fuq wara, u meta daħlet fil-ħajt ġarrbet daqqa kbira oħra fuq quddiem. Qal ukoll li fil-mumenti ta' wara l-inċident, il-konvenut kien ser jibqa' jsuq, iżda mbagħad kellu jieqaf minħabba li tqaċċtitlu waħda mir-roti.

Fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2018, xehed il-**PS 362 Wayne Borg**[5], li qal li dakinhar tal-inċident hu kien stazzjonat fl-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, meta waslitilhom informazzjoni li kien hemm inċident fi Triq l-Imdina, u li kien hemm vettura maqluba b'persuna ġo fiha. Qal li meta wasal fuq il-post diġà kien hemm pulizija ieħor qiegħed jassisti lill-attur, u l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet tinsab madwar disgħin metru 'l fuq mill-vettura tal-attur. Iż-żewġ vetturi kienu fuq l-istess karreġġjata, fid-direzzjoni tar-Rabat. Ix-xhud qal li l-vettura tal-attur kellha ħsarat kullimkien, u l-vettura l-oħra kellha ħsara fil-parti ta' quddiem u fil-ġnub tagħha, kemm in-naħa tax-xellug kif ukoll in-naħa tal-lemin. Ix-xhud qal li hu ma kellimx lill-attur fuq il-post tal-inċident minħabba li dan kien ittieħed mill-ewwel l-Isptar bl-ambulanza. Ix-xhud qal li l-konvenut kien qallu li l-inċident seħħ waqt li hu kien għaddej mill-karreġġjata ta' barra filwaqt li l-attur kien qiegħed isuq fuq il-karreġġjata ta' ġewwa tat-triq. Il-verżjoni li ta l-konvenut lill-Pulizija kienet li għal xi raġuni l-attur kiser fuq il-karreġġjata tal-konvenut, laqtu fuq il-ġenb, u b'riżultat tal-impatt ħarġu l-*airbags* li ma ħallewx lill-konvenut jara aktar x'kien qiegħed jiġri. Ix-xhud qal li hu seta' jinnota riħa ta' xorb fuq il-persuna tal-konvenut u sħabu, tant li sarlu *breathalyser test.* Ix-xhud qal li hemm proċeduri kriminali għaddejjin fil-

[5] *A fol.* 62 tal-proċess.

konfront tal-konvenut, filwaqt li ma ttieħdu ebda proċeduri kriminali kontra l-attur. Ix-xhud spjega x'kien li wassal biex jittieħdu passi kontra l-konvenut biss:

> "Għax milli rriżulta, minn xhieda oħra li kien hemm fuq il-post, li s-sinjur kien qed isuq fuq il-lane ta' barra, is-Sur Camilleri ġie minn wara, ipprova jgħaddi minn bejnu u minn bejn il-barrier, tah daqqa, ħabbtu ma' ċinta, il-ġebel waqa' ġo għalqa, is-sinjur inqeleb bil-karozza, baqa' jiskiddja bil-vettura ..."

Ix-xhud qal li l-Pulizija ġabet din l-informazzjoni mingħand persuni li waqfu fuq il-post, li saħansitra ġew mhedda talli waqfu jassistu lill-attur mill-persuni li kienu riekba mal-konvenut.

Fl-udjenza tal-25 ta' Ġunju, 2015 xehdet **Norma Baldacchino,** *customer care official* fl-Isptar Mater Dei[6], li esebiet kopja tal-file mediku tal-attur.[7] Fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2015 xehdet **Gertrude Scerri,** *customer care official* fl-Isptar Mater Dei[8], li esebiet il-kumplament tal-file mediku tal-attur peress li l-attur huwa Għawdxi, u parti mir-rekords tiegħu kienu qegħdin l-Isptar t'Għawdex.

Fl-udjenza tal-14 ta' April, 2016, xehed il-**PC 1539 Michael Farrugia**[9], li qal li hu kien l-ewwel uffiċjal tal-Pulizija li wasal fuq il-post tal-inċident hekk kif il-Pulizija ġiet infurmata li kien hemm inċident tat-traffiku fi Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ. Qal li hu ra l-vettura tal-għamla Kia Avella maqluba rasha 'l isfel fit-triq, u ftit bogħod minnha vettura tal-għamla Volkswagen Passat. Qal li x-xufier tal-Kia Avella kien maqbud fil-vettura tiegħu, u li hu qatgħalu s-*seat belt* biex seta' jkompli jieħu n-nifs. Wara ftit l-attur kompla jingħata l-assistenza

[6] *A fol.* 78 tal-proċess.
[7] *A fol.* 83 *et seq.* tal-proċess.
[8] *A fol.* 113 tal-proċess.
[9] *A fol.* 128 tal-proċess.

mill-Pulizija tad-Distrett u mill-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili, li qalbu l-vettura sabiex seta' jinħareġ is-sewwieq.

Mart l-attur **Margaret Saliba** fl-*affidavit* tagħha[10] qalet li meta hi saret taf li żewġha kien involut f'inċident, hi niżlet Malta u marret l-isptar fejn sabet lil żewġha mimdud u ma jistax jiċċaqlaq u kien mimli demm u kien qiegħed jokrob bl-uġigħ. Qalet li hekk kif ġie rilaxxjat mill-Isptar u ntbagħat id-dar hi kellha tagħmel xi modifiki anki fid-dar, minħabba li l-attur ma setax jitla' taraġ. Ix-xhud qalet li minħabba li żewġha għamel xi żmien ma jidħolx xogħol, hi kellha żżid is-sigħat tax-xogħol tagħha, filwaqt li kellha tara kif tagħmel sabiex id-dar dejjem ikun hemm xi ħadd ma' żewġha minħabba li dan ma setax jiċċaqlaq. Fost l-affarijiet li nnutat ix-xhud, wara l-inċident żewġha beda jinsa ħafna, u filwaqt li qabel hu kien attiv u jagħmel ħafna xogħol fid-dar, il-familja ġiet tiddependi għalkollox fuq it-tifel li jrid jagħmel ix-xogħol li ma jistax jagħmel aktar missieru. Ix-xhud qalet li matul il-lejl l-attur ikun muġugħ, u jkun hemm iljieli li fihom ma jkunx jista' jorqod. Mart l-attur ikkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li hi tħoss li tilfet lil żewġha konsegwenza tal-inċident, u dan minħabba li l-attur tilef l-iskop ta' ħajtu, ikollu ħafna dwejjaq u jħossu li ma jista' jagħmel xejn. Ix-xhud żiedet tgħid li fejn qabel ir-raġel tagħha kien dejjem mimli enerġija u dejjem għaddej bix-xogħol, issa tilef kull interess fil-ħajja u jħossu mnikket li ma jista' jagħmel xejn. Qalet li dan kollu affettwa l-ħajja tal-familja kollha kemm hi u mhux tar-raġel tagħha biss.

Iben l-attur **Christian Saliba** fl-*affidavit* tiegħu[11] qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed isuq vettura separata fl-istess direzzjoni li kien sejjer fiha

[10] *A fol.* 149 tal-proċess.

[11] *A fol.* 150 tal-proċess.

missieru, fi triqithom lejn Għawdex wara li attendew għat-tlielaq taż-żwiemel fil-Marsa. Ix-xhud qal li hekk kif wasal l-Isptar, lemaħ lil missieru fuq *stretcher,* marbut, b'ħafna dmija u muġugħ. Qal li l-infermiera li kienet qiegħda tassisti lil missieru, qaltlu li l-inċident li kien involut fih missieru kien wieħed ikrah ħafna. Iben l-attur ikkonferma li meta l-attur ħareġ mill-Isptar, kellhom isiru numru ta' modifiki fid-dar minħabba li l-movimenti tal-attur kienu ristretti ħafna, tant li fl-ewwel ftit ġimgħat li dan irritorna d-dar, kien jiddependi għalkollox fuq martu u wliedu. Żied jgħid li minkejja li kien ġie rilaxxjat mill-Isptar, l-attur kien muġugħ ħafna, u anki l-kullar li kellu ma' għonqu kien ikkawżalu ħafna skumdità. Ix-xhud ikkonferma li fl-assenza ta' missieru, ħafna mir-responsabbilità tad-dar waqgħet fuqu u qal li l-ħajja tal-familja kollha nbidlet minħabba fl-inċident li kellu l-attur.

Fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2016 il-Qorti ħatret lill-konsulent ortopediku **Mr Carmel Sciberras** bħala espert mediku, sabiex wara li jinvista lill-attur jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża fuq saħħet l-attur u jekk dan ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad. Fir-rapport tiegħu[12] l-espert mediku kkonstata li l-attur għadu jsofri minn episodji li jġiegħluh jilbes il-kullar, iħossu stordut u kawża ta' dan kellu jwaqqaf xi attivitajiet, bħas-sewqan tal-mutur u t-tlielaq taż-żwiemel. L-espert mediku stabbilixxa wkoll li l-attur għadu jsofri minn uġigħ u kkonkluda r-rapport tiegħu billi qal illi:

> "L-aħħar X-rays li ttieħdu tal-għonq (9/9/14) urew li l-ksur tas-C7 kien għaqad sew. Il-ksur ta' spallejh kien għaqad sew ukoll. L-għebusija fil-għonq u xi ftit fl-ispalla leminija ġejjin mill-ħsara tat-tessuti rotob li jinsabu madwar l-għadmiet li ġarrbu ksur. Dawn it-tessuti rotob fiequ permezz ta' ċikatriċi u li ma jistgħux jitqiesu bħala tessuti normali. Għalhekk is-Sur Saliba għadu jbati għal kollox minn għebusija f'għonqu u xi ftit għebusija fi spallejh il-lemini.

[12] *A fol.* 179 tal-proċess.

> Issa għaddew sentejn mill-inċident u għalhekk naħseb li s-Sur Saliba ser jibqa' jbati minn episodji ta' uġigħ f'għonqu u xi ftit ukoll fi spallejh. Dan l-uġigħ u l-għebusija f'għonqu u fi spallejh il-lemini jtellfuh xi ftit milli jgħix ħajja normali. Kif rajna kellu wkoll jibdel ix-xogħol."

L-espert mediku kkonstata li l-attur sofra diżabilità permanenti ta' 14%, 12% fl-għonq u 2% fl-ispalla leminija.

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018, xehed **Josef Grech**[13], li fil-mument tal-inċident inzerta għaddej mill-istess triq minn fejn kienu għaddejjin il-partijiet fil-kawża, u ddeskriva dak li ra b'dan il-mod:

> "… nara karozza Kia insejt x'inhi qegħda fuq in-naħa tal-fast lane jiġifieri fuq in-naħa tal-lemin u jien għaddej fuq in-naħa ta' ġewwa tiġi n-naħa tax-xellug. Jgħaddi Volkswagen Passat kollox silver mingħalija … kien għadda riħ għall-anġli tiegħu, jipprova jgħaddi minn bejn il-karozzi l-Kia għal mal-barrier, ittih daqqa fuq ġenbha fuq in-naħa ta' wara hawnhekk, il-Kia ddur hekk taħbat mal-bankina maċ-ċint, togħla l-karozza qisha tal-films, tara l-*accident* taħsbu tal-films, togħla u tiġi għal fuq il-*barriers.* Hu baqa' sejjer, jaqbad ma' bankina jerġa' jaqbad mas-*central strip* u tinqalalu rota u b'hekk waqaf għax kieku kien jibqa' sejjer."

Ix-xhud spjega li filwaqt li l-attur kien għaddej fuq in-naħa tal-*fast lane* hu kien qiegħed iżjed lura minnu, fis-*slow lane* u għalhekk seta' jara l-inċident iseħħ quddiem għajnejh. Kompla jgħid li filwaqt li l-attur kien qiegħed isuq bil-mod ħafna, il-konvenut għada b'veloċità qawwija, tant li ma setax iżomm il-*brake*. Qal ukoll li bid-daqqa li l-konvenut ta lill-attur, il-vettura tal-attur għoliet madwar ħames jew sitt filati, straħet mal-*barrier* li hemm fin-nofs tat-triq, u reġgħet ġiet fl-art rasha 'l isfel. Qal li kien hu li ċempel għall-għajnuna tal-Pulizija u għall-ambulanza, filwaqt li kkonferma li l-passiġġieri li kienu rekbin mal-konvenut niżlu mill-vettura u bdew joffenduh.

---

[13] *A fol.* 203 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet ukoll **Rodianne Grech**[14] li kienet riekba mar-raġel tagħha fil-vettura tagħhom fil-mument tal-inċident, meta f'ħin minnhom tfaċċat il-vettura li kien qiegħed isuq il-konvenut li kien għaddej b'veloċità qawwija. Ix-xhud qalet li l-impatt mal-vettura misjuqa mill-attur seħħ fuq in-naħa tax-xufier, fuq wara, u li mal-impatt il-vettura taret, ħabtet maċ-ċint, reġgħet daret lura, ħabtet mal-*barrier* u nqalbet fuq ġenb. Ix-xhud qalet li hija mbagħad rat lill-attur bid-demm iċarċar miegħu u jokrob bl-uġigħ. Ix-xhud qalet li l-konvenut waqaf minħabba li nqalgħetlu r-rota, filwaqt li l-vettura tal-attur ġiet rasha 'l isfel.

Fl-udjenza tad-19 ta' April 2018 xehed l-attur, **Anthony Saliba**[15], li qal li hu jaħdem fil-grad ta' *general hand* mal-Gvern, u li x-xogħol li jagħmel inbidel wara l-inċident. Qal li l-vettura li kellu l-inċident biha għadha miżmuma f'garaxx u qiegħed jistenna l-eżitu ta' din il-kawża sabiex jara x'ser jagħmel biha.

Fl-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2018 xehed il-konvenut **Glenn Camilleri**[16], li qal li dakinhar tal-inċident hu kellu miegħu lil tnejn minn sħabu, u dak il-ħin tal-inċident kienu qegħdin jirritornaw lejn il-Mosta wara li marru l-festa ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-konvenut qal li hu kien miexi fuq il-*fast lane* meta hekk kif wasal mal-vettura misjuqa mill-attur, dan għal xi raġuni kiser fuq il-karreġġjata tiegħu u seħħ l-impatt.

L-intervenuta fil-kawża esebiet kopja legali tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' April, 2015 fl-ismijiet 'Atlas Insurance PCC Limited *vs.* Glenn Camilleri'[17], u kopja

[14] *A fol.* 208 tal-proċess.
[15] *A fol.* 215 tal-proċess.
[16] *A fol.* 218 tal-proċess.
[17] *A fol.* 223 tal-proċess.

legali tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Marzu, 2017 fl-istess ismijiet[18], fejn is-soċjetà assiguratriċi infurmat lill-konvenut li kien hemm ksur tal-polza tal-assigurazzjoni li hu kien marbut biha, u li f'każ li l-proċeduri odjerni ser ikollhom eżitu sfavorevoli għall-konvenut, is-soċjetà assiguratriċi ser tkun qiegħda tesiġi rifużjoni sħiħa tal-istess danni, imgħaxijiet u spejjeż ġudizzjarji mingħand il-konvenut.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2018 xehed il-**PS 112 Oliver Vella**[19], li qal li hu ma kienx l-ewwel uffiċjal tal-Pulizija li wasal fuq il-post tal-inċident, u s-Surġent tad-Distrett li laħaq wasal qablu kien talbu jġib l-apparat tal-*breathalyser* sabiex jittieħed kampjun mingħand il-konvenut. Ix-xhud qal li t-test ġie 68 ug minn 100 ml, u spjega li l-limitu preskritt mil-liġi għall-fini tal-ittestjar b'dan l-apparat, hu ta' 35 mikrogramma għal kull 100 millilitru ta' nifs. Ix-xhud esebixxa l-*affidavit* imħejjija minnu b'rabta mat-teħid ta' dan it-test.[20]

Fl-istess udjenza xehed ukoll il-**PS 362 Wayne Rodney Borg**[21], li qal li dakinhar tal-inċident hu kien stazzjonat ġewwa l-Għassa ta' Ħal Qormi, meta ġie infurmat li kien hemm incident stradali ġewwa Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ. Qal li meta wasal fuq il-post hu sab il-Kia Avella tal-attur rasha 'l isfel, filwaqt li l-vettura tal-konvenut kienet tinsab ftit metri sew bogħod, bir-rota tagħha mqaċċta. Qal li hu ħa l-verżjoni tal-konvenut fuq il-post, fejn dan kien qal li kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar sebgħin kilometru fis-siegħa, meta għal xi raġuni l-attur invada l-karreġġjata tiegħu, il-*fast lane*, u b'hekk seħħ l-impatt bejn il-vetturi. Il-konvenut qallu wkoll li ma seta' jara xejn iżjed

---

[18] *A fol.* 224 tal-proċess.
[19] *A fol.* 230 tal-proċess.
[20] *A fol.* 236 tal-proċess.
[21] *A fol.* 237 tal-proċess.

minħabba li dak il-ħin infetħu l-*airbags.* Ix-xhud qal li l-Pulizija li waslu fuq il-post innutaw li l-konvenut kellu riħa ta' xorb, u kien għalhekk li sarlu t-test tal-*breathalyser.*

Fl-istess udjenza xehed **Henry Grech**[22], rappreżentant tas-soċjetà intervenuta fil-kawża, li qal li hu impjegat bħala *Executive – Legal Unit* mal-istess soċjetà, u kkonferma li l-vettura tal-għamla Volkswagen Passat misjuqa mill-konvenut, bin-numru ta' reġistrazzjoni FCC 953 kienet assigurata mal-istess soċjetà assiguratriċi. It-tip ta' polza kienet *third party.* Ix-xhud esebixxa kopja tal-polza bil-kundizzjonijiet li din kienet soġġetta għalihom[23], u għamel riferiment għall-klawsola numru 13, li tistipula li f'każ ta' sewqan taħt l-influwenza tax-xorb jew drogi, ma jkunx hemm kopertura f'każ ta' incident. Ix-xhud qal li s-soċjetà intervenuta fil-kawża mhix taċċetta r-responsabbilità tal-ħlas għad-danni kkaġunati minn dan l-inċident.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2018 xehed **Brandon Camilleri**[24], li kien riekeb mal-konvenut filwaqt tal-inċident. Ix-xhud qal li dak il-ħin tal-inċident il-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar 60 jew 70 kilometru fis-siegħa, u li fil-ħin ta' wara l-inċident hu ma kellem lill-ebda wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija. Qal li l-vettura li kien riekeb fiha mal-konvenut ma setgħetx tinstaq wara l-inċident għax inqalgħetilha r-rota, u xħin ħareġ mill-vettura tal-konvenut hu ra l-vettura tal-attur maqluba rasha 'l isfel u bid-duħħan ħiereġ minnha. Ix-xhud ippreżenta wkoll *affidavit*[25]*,* fejn qal li l-impatt bejn il-vetturi seħħ minħabba li l-vettura misjuqa mill-attur invadiet il-karreġġata li kienet

[22] *A fol.* 252 tal-proċess.
[23] *A fol.* 258 tal-proċess – il-klawsola numru 13 taħt l-intestatura *General Exceptions* tgħid: *"Any liability, loss, damage, injury, cost or expense (including Costs as defined in Section J) if the driver of the Motor Vehicle insured by Us was found to have been driving while under the influence of alcohol or drugs at the time of the accident".*
[24] *A fol.* 282 tal-proċess.
[25] *A fol.* 288 tal-proċess.

għaddejja minnha l-vettura tal-konvenut. Ix-xhud qal ukoll li l-attur kien għaddej bl-istess veloċità li kien għaddej biha l-konvenut.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Charles Camilleri**[26], li qal li hu mar fuq il-post tal-inċident ftit tal-mumenti wara, u esebixxa numru ta' ritratti li ħa hekk kif wasal fuq il-post.[27]

Fl-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018 xehed il-konvenut **Glenn Camilleri**[28], li esebixxa ritratt sabiex juri l-ħsara li ġarrbet il-vettura misjuqa minnu, fil-parti tax-xellug tagħha.[29]

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti kkonsidrat il-provi miġjuba quddiemha u x-xhieda mogħtija mill-partijiet sabiex fl-ewwel lok tasal biex tistabbilixxi min għandu jinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni. Jirriżulta li l-attur sofra minn telf ta' memorja fil-perijodu ta' wara l-inċident, u għalhekk kulma jaf hu li waqt li kien fi triqtu lejn Għawdex wara li attenda għat-tlielaq taż-żwiemel fil-Marsa, hekk kif kien għaddej minn Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, intlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut, u l-impatt bejniethom kien qawwi biżżejjed biex il-vettura tal-attur spiċċat inqalbet rasha 'l isfel. Il-Qorti qieset li kien hemm żewġ xhieda okulari li raw l-inċident iseħħ, u t-tnejn li huma kkonfermaw li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva meta dan ħabat mal-vettura tal-attur, ħabbatha ma' ħajt, u meta l-vettura misjuqa mill-attur straħet mal-art, din ġiet

[26] *A fol.* 289 tal-proċess.
[27] *A fol.* 296 tal-proċess.
[28] *A fol.* 298 tal-proċess.
[29] *A fol.* 300 tal-proċess.

rasha 'l isfel. Mix-xhieda mogħtija mill-uffiċjali tal-Pulizija rriżulta wkoll li hekk kif dawn waslu fuq is-sit tal-inċident, ġie nnutat li l-konvenut kellu riħa qawwija ta' alkoħol, tant li meta sarlu l-*breathalyser test,* ġie stabbilit li dan kellu livell ta' alkoħol fid-demm li hu ferm ogħla mil-limitu stabbilit mil-liġi. Il-Qorti rat ukoll ir-ritratti esebiti, li juru l-ħsarat estensivi li ġarrbu l-vetturi involuti f'dan l-inċident, kif ukoll il-fatt li jidher ċar anki mir-ritratti li l-vettura misjuqa mill-konvenut baqgħet tinstaq għal distanza twila wara l-impatt mal-vettura tal-attur, u din waqfet biss minħabba li nqalgħetilha r-rota.

In vista ta' dawn il-provi, il-Qorti ma tikkonsidrax li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut, li l-impatt bejn il-vetturi seħħ biss minħabba li l-attur invada l-karreġġjata li kien qiegħed isuq fiha l-konvenut, għandha mill-verità, u hi verżjoni li ma ssib l-ebda komfort la fix-xhieda ta' terzi li kienu għaddejjin mit-triq u li inzertaw raw l-inċident, u lanqas minn sejba oġġettiva bħalma huwa r-riżultat tal-*breathalyser* li juri li l-konvenut kien qiegħed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol, tant li filwaqt li l-liġi tistabbilixxi limitu ta' 35 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs, il-konvenut instab li kellu 68 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs. F'dan ir-rigward, il-Qorti lanqas ma tqis li hi kredibbli x-xhieda mogħtija minn Brandon Camilleri, li kien riekeb mal-konvenut fil-waqt tal-inċident, u li qal li ma setax jiftakar ċertu dettalji u li hu telaq minn fuq il-post ftit tal-mumenti wara li seħħ inċident bħal dak, li kien jinvolvi vettura li proprju kien riekeb fiha hu.

Il-Qorti tqis li mill-provi jirrżulta li minbarra li l-imġiba tal-konvenut waqt is-sewqan kienet affettwata minn ammont eċċessiv ta' alkoħol, kien hemm ukoll element ta' traskuraġni u t-teħid ta' riskji li sewwieq raġonevoli, prudenti u ta' esperjenza ma jiħux lanqas meta ma jkunx taħt l-influwenza tax-xorb, u li l-

inċident inkwistjoni seħħ meta l-konvenut, waqt li kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv, tilef il-kontroll tas-sewqan, u daħal fil-vettura tal-attur b'ċerta qawwa, tant li din għoliet, ħabtet ma' ħajt, u straħet mal-art wara li daret rasha 'l isfel. Il-konvenut min-naħa tiegħu deherlu li seta' jibqa' jsuq minkejja l-impatt kien ta' ċerta qawwa, tant li l-vettura tiegħu instabet wieqfa ftit metri bogħod mill-*point of impact* u jidher li din waqfet biss wara li tqaċċtitilha waħda mir-roti. Kif intqal diversi drabi mill-Qrati tagħna, u kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Alfred Mifsud,** deċiża fis-6 ta' Mejju, 1997[30]:

> "Sewqan traskurat (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi il-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li ma għandux jieħu minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-periklu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-ħin, u l-lokalità tal-inċident u l-preżenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati."

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Mario Gellel**, tad-19 ta' Frar, 2004, ingħatat spjega aħjar ta' x'inhu dak li jikkostitwixxi sewqan negliġenti jew traskurat:

[30] Vol. LXXXI.iv.157.

> "... jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' '*degree*', (Appell Kriminali **Pulizija vs Charles Bartolo**, 14.03.1959, **Pulizija vs Wilson**, Vol. XXXIX iv. 1018) u **Pulizija vs Alfred Vella** (Vol. XLIV, p. 933), u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjetà tagħhom (Appell Kriminali **Pulizija vs Hardingham**, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (Appell Kriminali **Pulizija vs Charles Farrugia**, Vol. XXXIX iv. 978). 'Recklessness' ġie definit bħala 'wilfully shutting one's eye' (Appell Kriminali, **Pulizija vs Joseph Aquilina**, 20 ta' April, 1963).
>
> Invece, sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja, li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistra stradali (Appell **Kriminali Pulizija vs Antonio Spiteri** Vol. XLIV iv. 892)".

F'dan il-każ lill-Qorti rriżultalha li l-konvenut wera nuqqas ta' kont kbir anki fid-deċiżjoni li ħa li jsuq hu minkejja li kien konxju li kien ikkonsma ammont eċċessiv ta' alkoħol, u dan in-nuqqas ta' kont immanifesta ruħu mhux biss fil-mod traskurat li l-konvenut saq bih, imma anki fl-indifferenza li dan wera meta wara l-impatt mal-vettura misjuqa mill-attur, li kien kbir, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tillikwida l-ammont ta' danni li għandhom jitħallsu lill-attur, kemm fir-rigward ta' dawk li huma danni materjali kif ukoll it-telf ta' qligħ futur li l-attur ser isofri minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu.

*Damnum emergens:*

Il-Qorti tqis li minkejja l-avukat difensur tal-attur għamel riferiment għad-danni materjali sofferti mill-attur, tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu għamel riferiment għat-telf ta' paga minħabba li kien hemm diversi ġimgħat li fihom l-attur ma setax imur xogħol, madanakollu ma nġabet l-ebda prova mill-

attur għal dak li huwa kwantifikazzjoni ta' dawn id-danni, u l-unika irċevuta ppreżentata mill-attur f'din il-kawża hi dik li tinsab *a fol.* 26 tal-proċess li tindika ħlas ta' €6.99 minn Laferla Insurance għar-rapport dwar l-inċident rilaxxjat mill-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi. Jirriżulta wkoll mir-rapport imħejji mis-soċjetà assigurattiva, li l-valur tal-vettura misjuqa mill-attur kien ta' €1,050 filwaqt tal-inċident, u li ġie rakommandat li din il-vettura ma tissewwiex minħabba fil-ħsarat estensivi li ġarrbet fl-inċident mertu tal-kawża. Fil-fatt l-attur xehed li din il-vettura qiegħda tinżamm f'garaxx sakemm ikun hemm eżitu finali għal dawn il-proċeduri. Jirriżulta wkoll mill-kopja tal-*vacation leave record sheet a fol.* 55 tal-proċess, li l-attur dejjem ingħata l-paga sħiħa tiegħu għaż-żmien kollu li fih ma setax jattendi x-xogħol, u permezz ta' nota ffirmata mill-avukat difensur tiegħu, l-attur saħansitra ddikjara li hu seta' jieħu daqshekk *sick leave* minħabba li kien akkumula s-*sick leave* tiegħu għal numru ta' snin. Għaldaqstant in vista tan-nuqqas ta' provi oħra f'dan ir-rigward, bħalma kienu jkunu irċevuti mediċi ta' tobba li l-attur żar privatament, il-Qorti sejra tikkonkludi li d-danni materjali sofferti mill-attur jammontaw għall-valur li kellha l-vettura misjuqa minnu fil-mument tal-inċident, u ċioé elf u ħamsin Euro (€1,050), u dan in vista tal-fatt li din il-vettura kellha tiġi skrappjata konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Lucrum cessans:*

Għar-rigward tat-telf ta' qligħ futur, il-Qorti sejra tirreferi għal dak li ntqal f'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni dejjem titħalla fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Fil-każ odjern jirriżulta li l-attur kellu l-età ta' sebgħa u erbgħin (47) sena meta seħħ l-inċident inkwistjoni, u li kien impjegat bħala *general hand* ma' Dipartiment tal-Gvern. L-attur ma ppreżentax kopja tal-FS3 forms għall-perjodu rilevanti, għalkemm waqt ix-xhieda li ta quddiem il-Qorti qal li kien idaħħal salarju ta' madwar seba' mija u tletin Euro (€730) fiż-żmien li fih seħħ l-inċident. Il-Qorti kkonsidrat, minkejja n-nuqqas ta' prova fir-rigward, li s-salarji tal-ħaddiema tal-Gvern jitħallsu kull erba' ġimgħat u mhux kull xahar, u għalhekk jirriżulta li s-salarju tal-attur fiż-żmien li fih seħħ l-inċident kien ta' €9,490 fis-sena.

F'sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Micallef et *vs* Richard Spiteri et**[31], il-Qorti kkonkludiet illi:

> "Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinunzjaw għall-fakoltà diskrezzjonali tagħhom ... diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati f'Butler vs Heard."

L-espert mediku Mr Carmel Sciberras kkonstata li l-attur sofra minn debilità permanenti ta' erbatax fil-mija (14%), u minkejja s-sottomissjoni tal-konvenuti li l-grad ta' debilità kellu jinħadem fuq *weighted average,* il-Qorti mhix tal-istess fehma. Dan minħabba li sabiex jiġi stabbilit kemm hu l-grad ta' debilità permanenti soffert mill-attur konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, il-Qorti ħatret espert mediku wieħed, mill-qasam tal-ortopedija, li kkonstata li l-attur sofra debilità permanenti ta' 12% f'għonqu u ta' 2% fl-ispalla tal-lemin. Il-*weighted average* kien jintuża li kieku ġie stabbilit li pereżempju l-attur sofra kemm debilità psikika kif ukoll debilità fiżjoloġika, li mhuwiex il-każ hawnhekk, tant hu hekk Mr Carmel Sciberras stabbilixxa li l-attur sofra debilità permanenti ta' erbatax fil-mija (14%).

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs* Carmelo Pace**[32] ġie stabbilit li hu:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life.*

[31] Q.A., 15.01.2002.
[32] Q.A., 05.03.1986.

> ...
>
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u hemm qbil li għal persuni li qabżu l-età ta' ħamsa u erbgħin sena il-*multiplier* għandu jkun ta' 13. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tħoss li l-*multiplier* ta' 13 huwa wieħed adegwat għall-każ in eżami. Is-salarju bażiku tal-attur għas-sena 2014 €9,490 għandu jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni għas-snin kollha tal-*multiplier,* sabiex b'hekk il-Qorti ser tkun qiegħda taħdem fuq dħul medju ta' €9,490 + €10,674.35[33] / 2 = €10,082.17.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Agius *vs.* All Services Ltd**[34], il-Qorti stabbiliet illi:

[33] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja talinflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

[34] P.A., 02.06.2005.

> "f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa *(lump sum payment)* lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

Din il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2015, u ser tingħata deċiżjoni erbgħa snin wara li nfetħet il-kawża għad-danni, u għalhekk qed tiġi applikata r-rata ta' tnax fil-mija (12%) bħala tnaqqis għal *lump sum payment*.

Bħala perċentwal ta' diżabilità, il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' debilità permanenti ta' erbatax fil-mija (14%).

Għaldaqstant il-kumpens dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* għandu jiġi likwidat kif ġej: €10,082.17 x 13 *(multiplier)* = €131,068.21 x 14% (diżabilità permanenti) = €18,349.49 - 12% (*lump sum payment*) = €16,147.60, li magħdud mad-danni attwali sofferti mill-attur jammonta għal **€17,204.60**.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**
2. **Tiddikjara illi l-inċident mertu ta' din il-kawża li seħħ fit-8 ta' Ġunju, 2014, fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, seħħ unikament tort tal-konvenut;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' sbatax-il elf, mitejn u erba' Euro u sittin ċenteżmu (€17,204.60).**

4. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas dawn id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.